MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2008

Numru 615/2005

Il-Pulizija
(Sp Antonovich Muscat)
vs
Kevin Cassar, iben Alfred, imwieled Pieta’ fid-9 ta’ april, 1975

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f’dawn l-aħħar snin, bejn it-3 ta’ frar, 2003 u l-14 ta’ settembru, 2004, f’dawn il-Gżejjer, fil-kuntest ta’ xiri ta’ proprjeta’ sitwata fi Triq San Ġuzepp, numru 150, Tarxien:

a. b’mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b’oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta’ intrapriżi foloz, jew ta’ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta’ krediti immaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża’ dwar xi ġrajja kimerika,

għamel qliegħ b’qerq ta’ iktar minn Lm1,000 għad-dannu ta’ bank kummerċjali u ta’ diversi persuni;
b. fl-istess data, ħin lok u ċirkostanżi approprja ruħu billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna oħra s-somma ta’ iktar minn Lm1,000 għad-dannu ta’ bank kummerċjali u ta’ diversi persuni, liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat;
c. fl-istess data, ħin lok u ċirkostanżi xjentement għamel użu minn ċedula, polza, ordni jew dokumenti oħra falsifikati, illi meta jiġu preżentati wieħed jista’ jirċievi bihom ħlas, jew jieħu l-kunsinna ta’ oġġetti, jew jiġbor depozitu jew rahan minn offiċċju pubbliku, jew minn bank jew stabbliment pubbliku ieħor imwaqqaf jew magħruf b’xi att pubbliku tal-Gvern;
d. fl-istess data, ħin lok u ċirkostanżi xjentement għamel użu minn att awtentiku u pubbliku, kitba jew skrittura kummerċjali jew ta’ bank privat falz;
e. fl-istess data, ħin lok u ċirkostanżi xjentement għamel użu minn dikjarazzjoni falza jew ta’ ċertifikat falz, magħmul jew mogħti, minn uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, minħabba l-kariga jew l-impieg tiegħu, hu fid-dmir li jagħmel jew jagħti dikjarazzjoni jew ċertifikat; kif ukoll talli xjentement għamel użu minn falsifikazzjoni li saret minn xi persuna li mhix uffiċjal jew impjegat pubbliku b’abbuz ta’ awtorita’;
f. fl-istess data, ħin lok u ċirkostanżi xjentement għamel użu minn skrittura privata falsifikata li tkun tista’ tagħmel ħsara lil xi persuna jew iġġib utli;
g. fl-istess data, ħin lok u ċirkostanżi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi document ieħor falsifikat.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta’ spejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri hekk skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-28 ta’ novembru, 2006 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –

fl-artikoli 18, 293, 294, 308, 309, 310, 184, 185, 186, 187, 188, 31, 17(h), 20, 23, 30 u 533 tal-Kodiċi Kriminali; bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' diċembru, 2006 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' jannar, 2008 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 293, 294, 308, 309, 184, 185, 186, 187 u 188 tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat għandu fedina penali netta u is-self li hu ħa mingħand il-bank qed jiġi mħallsa skond il-ftehim milħuq. Għalhekk, piena karċerarja ma tkunx opportuna. Għalhekk, tilliberah taħt il-kondizzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------